**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 347/2015 AL

AB
vs
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu gewwa Malta fit- 13 ta' Frar tas-sena elf tmien mija u tmienja u tmenin (1988) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal Donnalise u Kersten James li llum huma maggiorenni;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Farrugia fit-12 ta' Frar tas-sena elf disa` mija u tmienja u disghin (1998), hekk kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment ghall-mara kif jirrizulta mill-Artikolu 4 tal-anness kuntratt ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe` Gatt;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u jsiru dawk l-annotazzjonijiet necessarji;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Settembru 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Frar 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Gatt u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.